MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 74/1998/1

**Dr John J Cassar LLD ghan-nom u**
**in rapprezentanza ta' E Calleja & Sons Limited**

**Vs**

**AMFPA Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm945.46c) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez tal-mandat ta' qbid numru 2348/97SF. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fis-6 ta' Frar 1998 (fol 6 u fol 7 tal-istess atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepit bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda stante inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' attrici.
2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-<u>kontrotalba</u> kif maghmula mill-istess socjeta' konvenuta (fol 8 u fol 9 ibid) u li biha jinghad:

Illi s-socjeta' konvenuta trid tipprevalixxi ruhha minn din in-nota ta' l-eccezzjoniiet sabiex tressaq kontro-talba fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet ordnat minghand is-socjeta' attrici diversi fittings tad-dawl sabiex l-istess jigi installati fil-fond '*Scandals Bar'* bil-patt u kundizzjoni li dawn kellhom jigu kkunsinjati gimghat qabel l-inawgurazzjoni tan-negozju fil-15 ta' Dicembru, 1996;

Premess illi s-socjeta' attrici obbligat ruhha li f'kaz li ma tikkonsenjax il-merkanzija fit-terminu pattwit kellha tinkorri penali;

Premess illi s-socjeta' attrici naqset milli tikkonsenja l-merkanzija fiz-zmien miftiehem, b'rizultat li s-socjeta' attrici nkorriet f'danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta' attrici ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta dik is-somma li tigi likwidata bhala penali dovuta in segwitu ghal inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta' attrici.

2. tiddikjara lis-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta minhabba inadempjenza kuntrattwali da parti taghha.
3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta.
4. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma hekk likwidata.

Jigi dikjarat li ghal fini ta' kompetenza l-ammont pretiz mis-socjeta' konvenuta ma jeccedix is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 71 ibid u d-digriet hemm moghti 'seduta stante' dwar is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kif ukoll dak risultanti mill-verbal a fol 87 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Stephen Calleja (fol 17 u fol 38 et seq ibid) prodott minnha bhala l-'managing director' tas-socjeta' attrici, spjega illi matul l-1996 kien gie direttur tas-socjeta' konvenuta Bernard Mayo sabiex jara diversi oggetti tad-dawl fix-'showroom' tas-socjeta' attrici sabiex jintuzaw f'bar'. Sussegwentement l-istess direttur kien gie ma' 'designer' u saru zewg 'quotations' wahda dwar oggetti gja disponibbli hawn Malta u ohra dwar oggetti ohrajn li, pero', kellhom jingiebu minn barra minn Malta ghax ma kienx 'in stock'. Wara li saret l-ordni kien sar hlas akkont ('depositu') ta' Lm500, f'dan f'Novembru 1996. Dwar l-istess 'bar' li fih kienu qed jsiru xi xogholijiet, dawn madwar xahrejn wara, kienu kwazi lesti u ghalhekk l-istess direttur kien ha hemmhekk, l-oggetti li kienu 'in stock' izda ma kienux waslu l-oggetti ordnati minn barra minn Malta, liema oggetti waslu 'xi ftit tard' matul Jannar 1997 peress li kien il-perjodu tal-festi tal-Milied. Minhabba dan, ir-ritard, ix-xhud kien offra li jaghti lis-socjeta' konvenuta oggetti ohra sabiex jintuzaw temporaneament u minghajr spejjes addizzjonali sakemm l-oggetti li kellhom jigu importati jaslu f'Malta. Izda din l-offerta ma gietx acettata mis-socjeta' konvenuta ghax Bernard Mayo

'… ma riedx jaqla u jerga' jpoggi' u ghalhekk ix-xhud kien qallu sabiex jistenna waqt li l-istess xhud kien ser juza pressjoni fuq is-'supplier' barrani. Kif di, gja nghad, din it-tieni ordni kienet waslet f'Malta matul Jannar 1997 izda '… parti minnha ma ghogbitx lil Bernard Mayo ghalhekk ma hadhiex'. Wara dan f'Marzu 1997, waslet anke din il-parti tal-ordni '... kif ghogbu lil Mayo' u dan konsistenti f' 'shade, fanal u r-rod'.

Ghalhekk kien hemmhekk li giet konsenajta l-ordni kollha ossija dik originali f'Novembru jew fil-bidu ta' Dicembru 1996, il-'lot' il-kbir fl-ahhar ta' Dicembru waqt l-ahhar oggetti li ghadhom kemm issemmew f'Marzu 1997. Pero madwar xahar wara l-konsenja, Bernard Mayo ilmenta li kien hemm 'wisq dawl' u difatti kien talab li l-ahhar 'lot' jittiehed lura u difatti dan gara, bi qbil, f'April 1996, flimkien ma xi oggetti mill-ewwel ordni. Dwar <u>pagamenti</u>, is-socjeta' attrici inghatat iehor ulterjuri f'Lulju 1997 u ghalhekk fadal bilanc dovut ta' Lm945.46 kif hemm indikat fl-avviz u dan wara li jitnaqqsu l-valuri tal-oggetti kollha ritornati lura (ara <u>d-dokumenti</u> a fol 23 sa fol 33 ibid). Fl-ahhar nett, ix-xhud semma' illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu tajbin izda Bernard Mayo kien jidher li qed jsir 'urtat' minhabba id-dewmien tal-oggetti li kellhom jigu importati.

<u>In kontro ezami</u> ix-xhud rega' sostna illi hu kien accetta li jiehu parti mix-xoghol lura ghax Bernard Mayo kien qallu ',,, li huma ordnaw dwal zejda'. Inoltre hu enfasiza li '…. <u>l-hlas pretiz jirreferi ghal-oggetti li ghadhom imwahhlin fl-istabilment tas-socjeta' konvenuta</u>'. Inoltre fl-istess kont ta' bilanc ma gewx inkluzi xi oggetti li gew danneggjati waqt it-trasport taghhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi permezz ta' 'affidavit' in atti a fol 50 et seq ibid, <u>Bernard Mayo</u> spjega illi fl-istabilment in esami kien qed jsiru xi xogholijiet u kellu jinfetah fil-15 ta' Dicembru 1996. Fl-istess perjodu hu mad-'designer' <u>Chris Gauci</u> (ara fol 65 u fol 66 ibid) kienu marru ghand is-socjeta' attrici sabiex jordnaw '…. L-affarijiet ta' dawl li ridna …' u hawnhekk bl-

ghajnuna u bil-parir ta' Stephen Calleja, li xehed, u tal-istess 'designer' hu kien ghazel l-istess oggetti u talab stima taghhom,. B'referenza ghall-ordni li effettivament, kien minnu li l-oggetti elenkati fid-dokument markat Dok BM1 a fol 55 ibid kienu disponibbli, izda dawk elenkati fid-dokument l-iehor a fol 56 kellhom jigu importati minn Spanja u dwar il-konsenja ta' dawn tal-ahhar, Stephen Calleja kien obbliga ruhu li jikkonsenjahom sal-15 ta' Dicembru 1996, ossija fi zmien erba' (4) gimghat mill-ordni, meta kellu jinfetah l-istabilment. Fl-14 ta' Novembru hu kien hallas Lm500 akkont tal-prezz li bdew jigu konsenjati l-oggetti disponibbli di gja ghand is-socjeta' attrici. Izda eventwalment skada t-terminu miftiehem verbalment sabiex issir il-konsenja kollha u x-xhud kien qal lil Stephen Calleja illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tkun soggetta ghal telf ta' qliegh u ghalhekk '.. kien ser ikollna nimponu multa … ghal kull gurnata li tghaddi sakemm issir il-konsenja …' In oltre minhabba li l-post kien minghajr dawl, ix-xhud kellu jibdel il-programm tas-socjeta' konvenuta pre-stabbilit u skond hu, is-socjeta' attrici … hallset kera fix-xejn' u b'hekk sostniet telf ta' qliegh matul il-perjodu tal-Milied. Konsegwentement, kien gie pjanat li l-istess stabbilment jibqa maghluq fix-xhur fjakki tax-xitwa u jinfetah fl-Ghid. Eventwalment parti minn din l-ahhar konsenja saret fl-4 ta' Marzu 1997 izda kien hemm erba' lampi li kienu bi hsara u dawn gew ritornati lura. Inoltre dak li kien fadal mill-oggetti wasal fil-bidu ta' April 1997. Dwar il-hlas, hu ammetta li kien fadal, sabiex jithallas, l-ammont pretiz fl-avviz izda dan il-hlas ma kienx sar minhabba t-telf ta' qliegh u 'l-kera zejda' in rigward il-perjodu meta il-post baqa' maghluq minhabba li s-socjeta' attrici ma kienitx onorat il-ftehim taghha . Inoltre hu kien hassar il-ftehim li kellu mas-socjeta' attrici minhabba dan id-dewmien u kien kostrett jixtri 'fixtures' ohrajn minghand terzi persuni. <u>In kontro ezami</u>, l-istess xhud kien qabel illi mill-oggetti ordnati parti kienu di gja disponibbli u 'in stock' ghand is-socjeta' attrici waqt li t-tieni 'lot' kellu jigi importat minn barra minn Malta. Hu ikkonferma ukoll, illi dwar l-oggetti <u>gja disponibbli</u> lokalment, '… hadtu ftit ftit u ghal dan hemm raguni' cjoe li hu kellu <u>jirranga l-post</u> '….<u>minn shell form</u>' inkluz l-elettriku ('wiring'). Sussegwentement hu dwar dejjem l-istess 'lot'

gja disponibbli mistoqsi il-ghala avolja kellu jiftah fit-15 ta' Dicembru 1996, hu kien ha w accetta parti minn dan il-'lot' fi Frar 1997, hu kien iwiegeb 'Ma jidhirlix li dan gara hekk fil-fatt' u '… jiena nghid li kien inutili li niehu dawn l-affarijiet, jekk l-oggetti l-ohra ghadhom ma kienux disponibbli. Imbaghad hu sostna li hu ma kienx fetah il-post f'Dicembru, kif pjanat, ghax '… ma kellix il-fanali dekorattivi tar-ram …' li waslu f'Jannar izda gew hziena u '… dawk tajbin waslu f'Marzu 1997'. Fl-ahhar tal-kontro ezami tieghu u, in rigward dak mitlub mis-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha, hu qal '… kull ma qed nitlob hija xahrejn/tlett xhur kera' bir-rata hemm msemmija ta' Lm450 fix-xahar. Dwar dan hu qal, ukoll, illi 'S'intendi kieku ftaht f'Dicembru, xorta wahda kont inhallas din il-kera' fuq il-post li hu mikri u ghadu miftuh.

Ikkunsidrat.

Illi mill-premess, jidher li hu minnu illi in rigward l-oggetti li kellhom jigu importati minn barra minn Malta kien hemm xi forma ta' ftehim verbali illi l-istess oggetti kellhom jigu konsenjati sa certa data, liema fatt, pero', ma kienx avvera ruhhu. Dwar dan il-punt, is-socjeta' konvenuta kellha, fil-fehma ta' din il-Qorti, tagixxi skond l-artikolu 1385 tal-Kodici Civili li jaghti ghazla lix-xerrej, f'kaz ta' nuqqas ta' konsenja f'terminu pre-stabbilit mill-partijiet. F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta kellha d-dritt tal-ghazla bejn talba ghar-rexizzjoni tal-ftehim jew talba li jitpogga fil-pussess tal-haga mibjugha u dan bil-kondizzjoni li d-dewmien gie kawzat mill-venditur wahdu. Inoltre skond l-artikolu 1386 ibid, ix-xerrej fiz-zewg kazijiet ghandu d-dritt li jitlob id-danni. Fil-kaz in desamina, is-socjeta' konvenuta ma ghamlet, l-ebda talba gudizzjarja permezz ta' kawza, a bazi ta' dan iz-zewg ghazliet disponibbli ghaliha u filfatt qatt ma talbet ix-xoljiment tal-ftehim jew li jigi mqiegħed fil-pussess tal-haga mixtrija minnu. In rigward l-ewwel 'lot' gja disponibbli u 'in stock', hemm indikazzjoni cara illi dawn l-oggetti gew konsenjati tard minhabba li s-socjeta' konvenuta kienet qed tesegweixxi xoghlijiet fil-post in

kwistjoni, kif jidher mill-kontro ezami ta’ Bernard Mayo stess.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kontro talba maghmula mis-socjeta’ konvenuta, ma irrisultax b’mod car jekk kienx hemm xi forma ta’ ftehim dwar penali jew dwar kemm kellha tkun din il-penali liema penali caso mai esistit, kellha tkun in sostituzzjoni tad-danni sofferti (ara l-artikolu 1120 tal-Kodici Civili).

Illi, jigi rilevat ukoll illi l-istess Bernard Mayo illimita din it-talba ghall-ammont ta’ kera li, hu kien qed jhallas fuq il-post in kwistjoni. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta’ attrici tista’ tigi ritenuta responsabbli sabiex thallas danni fuq din il-bazi li, bl-ebda mod, ma tammonta ghal ‘damnum emergens’ jew ‘lucrum cessans’.

Ikkunsidrat

Illi, fl-ahhar nett, jigi rilevat illi dak mitlub fl-avviz in esami, kif xehed Stephen Calleja, huwa l-prezz ta’ oggetti konsenjati u stallati fl-istabbilment. Ghalhekk jidher li t-talba in esami tista’ tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta’ Lm945.46c ossija €2202.33 bl-imghax legali mill-4 ta’ Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ mandat ta’ qbid kawtelatoru numru 2348/97. Inoltre l-istess Qorti tichad il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------